MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 454/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlo Ellul)**
**Vs**
**Saviour Xerri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fl-4 ta' Jannar, 2009, fil-Pieta', ghall-habta tal-5:50p.m., bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe' li jikkaguna ferita' gravi fuq il-persuna ta' Manuel Buhagiar, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ta daqqiet ta' strument li jaqta' w bil-ponta (sikkina/mus) lil Manuel Buhagiar, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, hebb ghall-istess Manuel Buhagiar u kkagunalu feriti hfief salv il-

kumplikazzjonijiet fuq il-persuna tieghu, skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri, M.D., billi ta daqqiet ta' strument li jaqta' w bil-ponta (sikkina/mus) kif ukoll bil-ponn;
3. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien jaghmel delitt kontra l-persuna w cioe' feriment fuq il-persuna ta' Manuel Buhagiar, kellu fuq il-persuna w fil-pussess tieghu arma regolari, skond kif kontemplat fl-Artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, hin u lok, zamm kif ukoll garr strument li jaqta' w bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. fl-istess cirkustanzi, data, hin u lok, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
6. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi hedded u ngurja bil-kliem lil Manuel Buhagiar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tad-19 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 221 tal-Kap. 9, iddikjaratu hati tat-tieni akkuza. Fic-cirkostanzi ddecidiet li tapplika kontra tieghu l-artikolu 383 tal-Kap. 9 u rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' €2329 li ma jkellimx jew jimmolesta lill-kwerelant ghall-perjodu ta' tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu kif ukoll f'dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitux hati tar-raba' w l-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu w li minnhom illiberatu, filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel u t-tielet u s-sitt imputazzjoni w f'dik il-parti relattiva ghall-piena fejn ikkundannat lill-appellat biss ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu billi applikat kontra tieghu l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' €2329 li ma jkellimx jew jimmolestja lill-kwerelant ghall-perjodu ta' tlett xhur mid-data ta' dik is-sentenza w minflok issib lill-appellat hati wkoll tal-ewwel,

it-tielet u s-sitt imputazzjoni migjuba kontra tieghu w ghar-ragunijiet premessi tinfliggi l-piena idoneja w l-konsegwenzi naxxenti minnha kontra tieghu skond il-Ligi ghar-reati imputati lilu fl-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjonijiet.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant li huwa s-segwenti :-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet, in parti, apprezzament irragjonevoli tal-provi migjuba quddiemha w applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi kwantu ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tielet, u s-sitt akkuza nonche li l-piena erogata kienet miti wisq meta tittiehed in konsiderazzjoni n-natura tar-reat fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti in materia.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell tal-Avukat Generali hu in parti bbazat fuq dak li hu jsejjahlu apprezzament irragjonevoli tal-fatti. Issa kif dejjem gie ritenut hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li

kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali **: "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] **; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .

Gie ukoll regolarment ritenut li l-istess kriterju ghandu jkun applikabbli anki meta l-appell ikun qed jigi intavolat mill-Prosekuzzjoni, kif qed isir f' dan il-kaz.

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti verament ghamlitx apprezzament irragjonevoli tal-provi meta lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni ta' tentattiv ta' ferita gravi, mit-tielet imputazzjoni li kellu fil-pussess tieghu arma regolari fil-waqt li kien qed jikkommetti delitt u mis-sitt imputazzjoni li hedded jew ingurja bi kliem lil Manwel Buhagiar.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza jistghu jigu sintetizzati kif gej:- Fl-4 ta' Jannar, 2009, l-appellat kien ghand l-x-mara tieghu Anna Scerri w qal lil bintu Joelene biex ma tibqax tohrog ma Manwel Buhagiar ghax dan kien qed johrog ma tfajliet ohra, fosthom anki jmur f' xi hanut tax-xorb fejn ikun hemm xi tfajliet Russi. L-appellat cempel lil Buhagiar u qallu li ried ikellmu w ghalhekk wara xi ftit tal-hin, Manwel Buhagiar mar hemm  u nqalghet glieda bejnu w bejn l-appellat li, fil-kors taghha, Buhagiar safa' ferut f' koxxtu b' daqqa ta' strument jaqta' w bil-ponta, cioe' mus li l-appellat hareg mill-but. Buhagiar ittiehed l-Isptar fejn dam rikoverat ghal xi granet u wara dam xi tlitt gimghat biex gie f' tieghu. Il-ferita giet deskritta hekk fic-certifikat mediku li ,ghalkemm difficilment inqara, jinsab riprodott testwalment fl-okkorrenza (fol. 23):-

*"stab wound of 1cm in length to anterior medial aspect of left thigh few centimetres above left knee."*

Fil-motivazzjoni taghha, l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti:- li dwar l-entita' tal-feriti kull ma kien hemm kien certifikat mediku (fil-maggor parti tieghu illeggibbli) li jattesta ghall-fatt li l-feriti kienu hfief. Li mill-provi prodotti l-ewwel akkuza difficilment tirrizulta stante li l-fatti huma dawk li huma w ma tirrizultax pruvata ebda intenzjoni specifika sabiex treggi l-akkuza ta' tentattiv ta' ferita gravi. Ghalhekk sabet li tirrizulta biss offiza ta' natura hafifa. Li t-tielet akkuza ma tirrizultax stante li ma tirrizultax arma regolari. Ir-raba' akkuza mhix sanzjonabbli fin-nuqqas ta' prova li l-mus ingarr barra fond u lanqas ma jirrizultaw, kif dedotti, l-offizi kontravvenzjonali.

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti tara li jirrizulta ampjament li l-appellat ikkaguna offiza fuq Manwel Buhagiar b' mus waqt diverbju li nqala' god-dar tar-residenza tal-x-martu.

Issa huwa minnu li f'materja ta' offizi fuq il-persuna li ma jkunux akkompanjati mill-intenzjoni specifika tal-aggressur li joqtol jew li jpoggi l-hajja tal-vittma f' perikolu car, japplika l-principju li *"dolus indeterminatus determinatur ab exitu",* pero', kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, jistghu jirrizultaw cirkostanzi li jikkonvincu lill-gudikant sal-grad tac-certezza morali, fejn l-offiza li tkun irrizultat tkun ta' natura hafifa, li l-intenzjoni tal-aggressur ma kienetx biss dik li jikkaguna offiza ta' natura hafifa jew intenzjoni generika li jikkaguna xi xorta ta' offiza, imma wahda specifika li jikkaguna offiza ta' natura gravi. Hawnhekk tkun ipotizzabbli l-imputazzjoni tat-tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna.

Din il-Qorti taqbel mal-appellant li normalment min jaqbad strument jaqta' w bil-ponta bhal ma huwa mus, biex jaghti bih ikollu intenzjoni li jferi serjament lil dak li jkun u mhux biex jaghmillu xi girfa superficjali. Hu minnu li f' dan il-kaz il-ferita kienet fl-arti inferjuri, pero' huwa risaput li anki fl-arti jkun hemm *blood vessels* bhal arterji jew vini principali, nervituri w sistema ta' muskoli li, jekk jigu perforati jew imcarrta, jistghu facilment iwasslu ghal

konsegwenzi ferm serji. Kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li biex jissussisti r-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi jinhtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi kagjonata tali offiza gravi w mhux biss intenzjoni generika li twegga' lil dak li jkun, pero' tali intenzjoni specifika tista' tigi dezunta mic-cirkostanzi bhal ma huma x-xorta tal-arma li tkun intuzat. Tista' ukoll tigi dezunta min-natura tal-ferita innifisha. Altru girfa superficjali bhal dik li tigi kagjonata minn min ikun qed ixejjer b' mus aktar biex ibezza' jew biex izomm l-avversarju tieghu 'l boghod minnu w altru *"stab wound"* kif irrizulta f' dan il-kaz.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kellha provi bizzejjed biex ssib htija tal-ewwel imputazzjoni w mhux biss ta' offiza hafifa skond it-tieni imputazzjoni kif ghamlet. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali hu ben fondat.

Pero' din il-Qorti ma taqbilx li kellha tirrizulta it-tielet imputazzjoni billi certament mus <u>m' ghandux l-iskop principali</u> tad-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor skond l-artikolu 64 (1). Ghalkemm spiss isir rikors ghall-imwies fi glied, l-uzu principali ta' tali ghodda jista' jkun wiehed pacifiku bhall-biex wiehed jaqta' l-hobs ghall-ikel – kif kien isir fl-antik mill-haddiema kollha fuq il-lant tax-xoghol - biex jaqta' rbit, biex jittempra njam, eccetera. F' dan il-kaz il-mus uzat kien jaqa' taht id-definizzjoni ta' arma irregolari skond it-tieni subinciz tal-artikolu 64 ghaliex, ghalkemm gie uzat ghall-offiza ta' Manwel Buhagiar, dan ma kienx l-iskop principali tal-uzu tieghu. Di fatti, kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant, l-artikolu 7 (a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta jezenta espressament mill-htiega li biex jingarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi mus irid ikun hemm licenzja kif jipprovdi l-artikolu 6 tal-istess Att dwar l-Armi, dment li dak il-mus ikollu xafra li tohrog mhux aktar minn tmien centimetri mill-maqbad u li jista' ragjonevolment jitqies li jkun qed jingarr bil-ghan li jsir l-uzu minnu bhal dak li soltu jsir minn mus. Ghalhekk l-Arms Act innifisha tqis li normalment l-uzu tal-mus mhux dak li jirrendieh arma regolari. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta meta lliberat lill-appellat mit-tielet

imputazzjoni w ghalhekk dan l-aggravju tal-Avukat Generali qed jigi respint.

Dwar is-sitt imputazzjoni, mill-assjem tal-provi w senjatament mid-depozizzjoni tal-istess vittma, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ta’ theddid u ingurji fil-konfront ta’ Manwel Buhagiar  ma tirrizultax pruvata. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Dwar il-piena din il-Qorti bil-fors li issa trid tirridemensjonha stante l-konkluzzjoni raggunta dwar l-Ewwel imputazzjoni. Pero’ thoss li fic-cirkostanzi, stante l-gravita’ tal-kaz, ikun aktar xieraq li tigi applikata sentenza ta’ prigunerija sospiza minnflok wahda effettiva w dan minnflok is-semplici garanzija imposta mill-Ewwel Qorti skond l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali. Il-fedina penali tal-appellat fiha biss tlitt kontravenzjonijiet tat-traffiku w ghalhekk, mehud qies tac-cirkostanzi familjari li taw lok ghall-incident in ezami, ma jkunx xieraq li tigi applikata sentenza ta’ prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellat mit-tielet, ir-raba’,  il-hames w s-sitt akkuzi w in kwantu sabet lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni, u tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni w in kwantu applikat kontra tieghu l-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi rabtitu b’ obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ Ewro 329 li ma jkellimx jew jimmolesta lill-Manwel Buhagiar ghall-periodu ta’ tlitt xhur mid-data tas-sentenza w minnflok issibu hati ta’ din l-ewwel imputazzjoni ta’ tentattiv ta’ ferita gravi fuq il-persuna ta’ Manwel Buhagiar, bl-assorbiment ghall-fini tal-piena tat-tieni imputazzjioni stante l-konkors formali jew ideali bejn l-ewwel zewg imputazzjonijiet, w tikkundanna lill-appellat ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija b’ dana pero’ li , a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qed tordna li din is-sentenza m’ ghandhiex tibda’ ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta’ erba (4) snin mill-lum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija .

Il-Qorti qed tispjega bi kliem car lill-appellant ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk hu jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul l-erba (4) snin li gejjin.

Finalment, tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligu tieghu skond l-artikolu 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------